# L-istatus tal-politika dwar in-nutrizzjoni f'Malta

## L-indiċi tal-politika ta' NOURISHING

Din l-istampa tal-pajjiż tippreżenta riżultati dettaljati tal-**indiċi tal-politika ta' NOURISHING** [1] għal Malta. Tenfasizza l-punti tajbin u d-dgħufijiet fit-tfassil tal-politiki dwar in-nutrizzjoni tal-gvern nazzjonali. Din l-istampa tissupplimenta r-riżultati tal-indiċi tal-politika b'ħarsa fil-fond lejn il-kwalità tat-tfassil tal-politika. Ir-riżultati sħaħ tal-indiċi tal-politika huma spjegati fir-rapport ta' NOURISHING li jqabbel lil Malta ma' 29 pajjiż Ewropew ieħor.

### Il-messaġġi ewlenin

1. Malta timplimenta politiki f'disgħa minn għaxar kategoriji tal-qafas NOURISHING. Inkisbet valutazzjoni moderata f'kategorija waħda biss li kienet relatata mal-limiti jew it-tneħħija ta' nutrijenti speċifiċi fi prodotti tal-ikel (I1). Din kienet l-ogħla valutazzjoni miksuba.
2. Ġew identifikati lakuni u dgħufijiet fir-rigward ta' limiti fil-provvista ta' xorb biz-zokkor fl-iskejjel u ikel mhux san f'postijiet mhux fl-istituzzjonijiet edukattivi (O). Jeħtieġ li jsir aktar biex jitnaqqas l-esponiment għall-marketing u r-reklamar tal-ikel liż-żgħażagħ b'mod partikolari fl-iskejjel u madwarhom iżda wkoll permezz ta' mezzi oħra ta' marketing (R), li jiżdiedu l-edukazzjoni u l-ħiliet dwar in-nutrizzjoni (G), flimkien ma' tisħiħ tal-politiki tal-akkwist pubbliku tal-ikel bl-implimentazzjoni ta' politiki ulterjuri f'din il-kategorija (H).
3. Ma ġiet identifikata l-ebda azzjoni ta' politika għal pariri u konsulenza dwar in-nutrizzjoni f'ambjenti tal-kura tas-saħħa (N2), għaldaqstant għandha tingħata prijorità għal azzjoni f'din il-kategorija. Għandha tingħata aktar attenzjoni billi jintużaw inċentivi finanzjarji biex tiżdied id-disponibbiltà u l-affordabbiltà tal-ikel san (U), fejn ukoll inkisbet valutazzjoni fqira.

### Ħarsa ġenerali lejn l-istatus tal-politika

| L-EBDA POLITIKA IDENTIFIKATA | FQIRA | PASSABBLI | MODERATA | TAJBA | EĊĊELLENTI |
|---|---|---|---|---|---|

| | | |
|---|---|---|
| N | **Standards u regolamenti tat-tikketta tan-nutrizzjoni dwar l-użu ta' asserzjonijiet u asserzjonijiet implikati fuq l-ikel** | PASSABBLI |
| O | **Jiġi offrut ikel san u jiġu ssettjati standards fl-istituzzjonijiet pubbliċi u ambjenti speċifiċi oħrajn** | PASSABBLI |
| U | **Jintużaw għodod ekonomiċi biex jindirizzaw l-affordabbiltà tal-ikel u inċentivi għax-xiri** | FQIRA |
| R | **Jiġi ristrett ir-reklamar tal-ikel u forom oħrajn ta' promozzjoni kummerċjali** | FQIRA |
| I | **Tittejjeb il-kwalità nutrittiva tal-provvista tal-ikel kollha** | MODERATA |
| S | **Jiġu ssettjati inċentivi u regoli biex jinħoloq ambjent san tas-servizz tal-ikel u l-bejgħ** | PASSABBLI |
| H | **Jingħabru l-katina tal-provvista u azzjonijiet mas-setturi kollha biex tkun żgurata koerenza mas-saħħa** | FQIRA |
| I | **In-nies jiġu infurmati dwar l-ikel u n-nutrizzjoni permezz ta' sensibilizzazzjoni pubblika** | PASSABBLI |
| N | **Pariri u konsulenza dwar in-nutrizzjoni f'ambjenti tal-kura tas-saħħa** | L-EBDA POLITIKA IDENTIFIKATA |
| G | **Tingħata edukazzjoni u ħiliet dwar in-nutrizzjoni** | FQIRA |

Din l-istampa hija bbażata fuq politiki fil-livell nazzjonali biss. Il-politiki maħruġa mill-gvernijiet lokali, reġjonali jew provinċjali mhumiex fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan il-proġett.

### Metodi

Il-metodi tal-indiċi tal-politika ta' NOURISHING huma spjegati bis-sħiħ fir-**rapport** assoċjata. Fil-qosor, l-indiċi tal-politika jgħaqqad il-valuri għal a) il-preżenza ta' politiki, u b) it-tfassil ta' politiki għal 41 parametru referenzjarju.

Il-parametri referenzjarji huma applikati għall-politiki fil-**bażi tad-data ta' NOURISHING** [2], miġbura permezz ta' analiżi komprensiva fi 30 pajjiż Ewropew, inkluża Malta.



Għodod użati biex jipproduċu r-riżultati tal-indiċi tal-politika

## Analiżi tar-riżultati tal-indiċi tal-politika

(Għad-dettalji sħaħ dwar il-kriterji tat-tfassil tal-politiki, ikkonsulta r-rapport)

| | |
|---|---|
| ✕ L-ebda politika identifikata | ● (isfar) Tissodisfa sa 75% tat-tfassil tal-politika |
| ● (aħmar) Tissodisfa sa 25% tat-tfassil tal-politika | ● (aħdar ċar) Tissodisfa sa 99% tat-tfassil tal-politika |
| ● (oranġjo) Tissodisfa sa 50% tat-tfassil tal-politika | ● (aħdar skur) Tissodisfa l-krtierji kollha |

| | | |
|---|---|---|
| N | Nutrijenti fuq in-naħa ta' wara tal-pakkett | ● (oranġjo) |
| | Tikketti fuq in-naħa ta' quddiem tal-pakkett | ✕ |
| | Tikketti ta' twissija | ✕ |
| | Regoli dwar asserzjonijiet tan-nutrijenti | ● (aħdar ċar) |
| | Regoli dwar asserzjonijiet tas-saħħa | ● (aħdar ċar) |
| O | Ikel u xorb disponibbli fl-iskejjel, inklużi restrizzjonijiet fuq ikel mhux san | ● (aħdar ċar) |
| | Miżuri relatati mal-forniment ta' xorb biz-zokkor fl-iskejjel | ✕ |
| | Inizjattivi ta' frott u ħaxix fl-iskejjel | ● (isfar) |
| | Ikel u xorb disponibbli fil-viċinat immedjat tal-iskejjel | ✕ |
| | Ikel mhux san f'positijiet mhux fl-istituzzjonijiet edukattivi | ✕ |
| U | Taxxi jew tariffi għal ikel relatat mas-saħħa | ✕ |
| | Sussidji jew inizjattivi relatati mad-dħul biex tiżdied l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà għal ikel san | ✕ |
| | Sussidji jew inizjattivi immirati biex tiżdied l-affordabbiltà u l-aċċessibbiltà għal ikel san | ● (oranġjo) |
| R | Marketing għaż-żgħażagħ permezz tar-reklamar | ● (oranġjo) |
| | Marketing dirett għaż-żgħażagħ | ✕ |
| | Marketing permezz ta' sponsorizzazzjoni għaż-żgħażagħ | ● (aħmar) |
| | Marketing għaż-żgħażagħ permezz ta' miżuri fil-punt tal-bejgħ | ✕ |
| | Marketing għaż-żgħażagħ permezz tat-tqegħid tal-prodotti u markar | ✕ |
| | Marketing għaż-żgħażagħ permezz tad-disinn u l-imballaġġ tal-prodotti | ✕ |
| | Marketing fl-iskejjel jew madwarhom | ✕ |
| I | Limitu jew tneħħija ta' nutrijenti speċifiċi f'prodotti tal-ikel | ● (oranġjo) |

| | | |
|---|---|---|
| S | Restrizzjonijiet tal-ippjanar rigward outlets tas-servizz ta' ikel qrib l-iskejjel | ✕ |
| | Restrizzjonijiet tal-ippjanar fuq outlets tas-servizz ta' ikel | ✕ |
| | Inizjattivi biex tiżdied id-disponibbiltà ta' ikel aktar san fil-ħwienet u fl-outlets tas-servizz ta' ikel | ● (isfar) |
| H | Miżuri biex jappoġġaw il-produtturi tal-ikel biex jiżdied l-ikel san u jitnaqqas l-ikel mhux san fil-katina tal-provvista | ✕ |
| | Miżuri biex jappoġġaw il-manifatturi tal-ikel biex jiżdied l-ikel san u jitnaqqas l-ikel mhux san fil-katina tal-provvista | ✕ |
| | Miżuri biex jappoġġaw il-bejjiegħa tal-ikel biex jiżdied l-ikel san u jitnaqqas l-ikel mhux san fil-katina tal-provvista | ✕ |
| | Strutturi ta' governanza għal impenn multisettorjali/tal-partijiet interessati | ● (aħmar) |
| | Standards tan-nutrizzjoni għall-akkwist pubbliku | ✕ |
| | Appoġġ għall-agrikoltura urbana f'politiki dwar is-saħħa u l-ippjanar | ✕ |
| | Produzzjoni tal-ikel fil-komunità | ✕ |
| I | L-iżvilupp u l-komunikazzjoni ta' linji gwida dwar id-dieta bbażati fuq l-ikel | ● (aħmar) |
| | Sensibilizzazzjoni pubblika, media tal-massa u kampanji ta' informazzjoni u marketing soċjali dwar ikel san | ✕ |
| N | Pariri u konsulenza dwar in-nutrizzjoni fil-kura primarja | ✕ |
| | Pariri u konsulenza dwar in-nutrizzjoni f'ambjenti tal-kura tas-saħħa fl-iskola | ✕ |
| G | Edukazzjoni dwar in-nutrizzjoni fil-kurrikulu | ● (isfar) |
| | Taħriġ għall-edukaturi | ✕ |
| | Taħriġ għall-professjonisti tas-saħħa | ✕ |
| | Ħiliet fit-tisjir | ✕ |
| | Taħriġ fl-iskejjel dwar it-tkabbir tal-ikel | ✕ |
| | Taħriġ għall-caterers | ✕ |

**Nota:** Il-pajsaġġ tal-politiki fi kwalunkwe pajjiż jevolvi maż-żmien. Dawn ir-riżultati jirriflettu l-għarfien tagħna sa Mejju 2023. Biex tara r-riżultati l-aktar riċenti u għal aktar informazzjoni teknika dwar l-indiċijiet tal-politiki, jekk jogħġbok ikkonsulta s-sit web tagħna: **wcrf.org/our-policy-work**.

Għal feedback jew aġġornamenti ssuġġeriti, jekk jogħġbok ibgħat email fuq **policy@wcrf.org**. Aktar informazzjoni dwar il-proġett CO-CREATE tista' tinsab fuq **co-create.eu**

[1] Indiċi tal-politika: **wcrf.org/policy/nutrition-policy-index** [2] Bażi tad-data tal-politiki: **policydatabase.wcrf.org**

World Cancer Research Fund International

Dan il-proġett ingħata finanzjament mill-programm għar-riċerka u l-innovazzjoni ta' Horizon 2020 (Orizzont 2020) tal-Unjoni Ewropea taħt il-Ftehim ta' Għotja Nru 774210.

Dan id-dokument jirrifletti biss il-fehmiet tal-awturi u l-Kummissjoni Ewropea mhix responsabbli għal kwalunkwe użu li jista' jsir mill-informazzjoni li fih.

CO-CREATE